MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Numru. 243/2002
Kawza Numru. 3

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Mario Zammit iben Joseph u Giorgia nee` Zammit li joqghod Nru 40, Triq Mgarr ix-Xini, Xewkija, Ghawdex. Karta ta' Identita' numru 36064 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar is-16 ta' Jannar 2002 ghall- habta tas-6.50pm waqt li kien isuq vettura Nru AAP-308 fi Triq Santa Marija, Xewkija, Ghawdex,

1. saq l-istess vettura b'mod traskurat u perikoluz,
2. u aktar talli fl-istess data, lok u hin habat ma' vettura Nru KBD-476 u kkagunalha hsara ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi dawn iz-zewg vetturi kienu qed jinsaqu f’kundizzjonijiet hziena billi kienet ix-xita u inoltre kienu qed jimmanuvraw bejn zewg toroq billi kull wiehed mis-sewwieqa kellu jidhol fi triq diversa min dik li kien gej fiha.

Jirrizulta izda illi l-imputat spjega illi huwa kien naqqas l-ispeed tieghu biex jikser fuq ix-xellug meta ra lill-vettura l-ohra sitt piedi boghod minnu izda skiddja meta prova jieqaf.

Fil-fehma tal-Qorti ma jirrizulta ebda agir ta’ indoli kriminali da parti tas-sewwieqa hlief agir ta’ nuqqas ta’ kawtela f’sitwazzjonijiet li jirrikjedu aktar attenzjoni.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------